VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,503, 20 ta' Novembru, 2015
Taqsima B

A.L. 366 tal-2015

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4A u 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 217.05

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "għal kull membru tal-familja tiegħu;" għandhom jidħlu l-kliem "għal kull membru tal-familja tiegħu:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

Kap. 318.

"Iżda l-benefiċċji jew assistenza li titħallas taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew taħt kwalunkwe leġislazzjoni nazzjonali oħra, li ċittadin ta' pajjiż terz huwa intitolat li jitlob bħala assistenza speċjali sabiex ikopri spejjez eċċezzjonali, essenzjali għall-għajxien tiegħu, determinati individwalment, rimborż ta' taxxi maħruġa fuq id-dħul tiegħu, jew xi miżuri ta' appoġġ tad-dħul oħra, għandhom jitqiesu bħala parti mir-riżorsi stabbli tiegħu;"; u

(b) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "ma tkunx anqas minn ħamsa u sebgħin fil-mija" għandhom jidħlu l-kliem "ma tkunx anqas minn ħamsa u sittin fil-mija".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda Regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregoalment (5) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "status ta' resident li joqgħod għal żmien twil." għandhom jidħlu l-kliem "status ta' resident li joqgħod għal żmien twil:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fejn il-kondizzjonijiet relatati mar-riżorsi stabbli msemmija fir-regolament 5 ma jintlaħqux miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, id-Direttur għandu jikkunsidra ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u jekk ikun hemm raġunijiet ġustifikati li jsir hekk, id-Direttur għandu jaċċetta l-ammont dikjarat mit-tali ċittadin ta' pajjiż terz bħala konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f'dak ir-regolament.".